MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2011

Numru 1026/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**vs**

**Alexia Margo Calleja**
**Beldasser Perlotti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Alexia-Margo Calleja ta’ 33 sena, bint Carmel Calleja u Josephine nee’ Busuttil, imwielda Pieta’ nhar l-04.11.1977, minghajr residenza fissa, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 18378(M) u l-imputat Baldassar Perlotti ta’ 41 sena, iben Antonino Perlotti u Sara nee’ Ansellmo, imwieled Mazzara Del Valdo, Provincia ta’ Trapani, Italia nhar il-15.01.1970, minghajr residenza fissa, u detentur tal-karta tal-identita’ Taljana

bin-numru AS 1368588 gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer bejn l-1 ta' Lulju 2011 u l-31 ta' Awwissu 2011, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda u cioe:-

1. Mill-bajja ta' l-Exiles tas-Sliema nhar il-119 ta' Lulju 2011, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' iphone 4, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta' Marc Noeske ta' nazzjonalita' Germaniza u/jew persuni ohra;

2. Gewwa l-Bajja ta' tas-Sliema nhar it-2 ta' Awwissu 2011, f'xi hin bejn il-11:00am u nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' backpack b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom kamera digitali ta' l-ghamla Canon ta' kulur silver, mobile phone tal-ghamla Nokia, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan ghad-dannu ta' Silvia Martinelli u/jew persuni ohra;

3. Gewwa l-Bajja ta' l-Ghadira l-Mellieha nhar is-17 ta' Awwissu 2011, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone ta' kulur iswed u silver tal-ghamla E71-1, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta' Pauline Galea u George Camilleri u/jew persuni ohra;

4. Gewwa l-Bajja ta' tas-Sliema nhar is-17 ta' Awwissu 2011, f'xi hin bejn is-02:30pm u it-03:30pm, ikkommettew serq ta' basket b'kontenut ta mobile phone ta' l-ghamla iphone 4,5 euro fi flus kontanti u oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta' Vjorn Emanuell Sultana u/jew persuni ohra;

5. Gewwa l-Bajja ta’ l-Ghadira l-Mellieha nhar it-23 ta’ Awwissu 2011, f’xi hin bejn il-11:15am u il-11:30am, ikkommettew serq ta’ basket b’kontenut ta’ diversi oggetti fosthom mobile phone ta’ kulur iswed tal-ghamla Motorola, mobile phone ta’ kulur iswed ta’ l-ghamla Nokia, nuccali tal-vista, flus kontanti, hwejjeg tat-tfal u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Francis u Rita Mizzi u/jew persuni ohra;

6. Gewwa l-Bajja ta’ l-Ghadira l-Mellieha nhar it-30 ta’ Awwissu 2011, ghal habta tal-11:30am, ikkommettew serq ta’ basket b’kontenut ta’ mobile phone tal-ghamla Samsung Corby, mobile phone ta’ l-ghamla Nokia, nuccalli tax-xemx, 40 fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329. 37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Duncan Fenech u Maria Zammit u/jew persuni ohra;

7. Gewwa l-Bajja tas-Sliema nhar it-12 ta’ Awwissu 2011, f’xi hin bejn nofs in-nhar u 12:15pm, ikkommettew serq ta’ mobile phone ta’ l-ghamla Nokia, mobile phone ta’ l-ghamla Samsung E250V, flus kontanti fost oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Catherine Aljasem u/jew persuni ohra;

8. Gewwa l-Bajja tas-Sliema nhar it-18 ta’ Awwissu 2011, f’xi hin bejn il-5:55pm u s-6:20pm, ikkommettew serq ta’ basket b’kontenut ta’ mobile phone ta’ kulur iswed u silver ta’ l-ghamla Nokia, mobile phone ta’ kulur griz ta’ l-ghamla LG, flus kontanti fost oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifkat bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta’ Orlando Ricardo u/jew persuni ohra;

9. Gewwa l-Bajja Golden Sands, Ghajn Tuffieha nhar il-31 ta’ Awwissu 2011 ghal-habta tal-11:00am dolozament bil-hsieb li jikkommettu reat, u cioe’ dak ta’ serq, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, u cioe’ ta’ serq ta’ basket jew basktijiet minn fuq l-imsemmija bajja, liema delitt ma

sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Settembru 2011 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2011 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Settembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk irid jergghu lura minnhhom u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li kkoperaw fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 41 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hatja that Ordni ta' probation

ghall-perjodu ta’ tlett(3) snin millum that is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett(3) snin Alexia Margo Calleja u Beldasser Portelli ghandhom jgibu ruhhom tajjeb, joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzommu dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilhom.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Alexia Margo Calleja u Beldasser Perlotti kull sitt xhur.

3. Alexia Margo Calleja u Beldasser Perlotti ghandhom javzaw immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmlu fl-indirizz residenzjali taghhom.

4. Li ghandhom zzommu ruhhom f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li taghtihom minn zmien ghall-iehor Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huma ghandhom, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikunu hekk iridu, jircievu zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li ghandhom jzommu ruhhom f’ kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtihom minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huma ghandhom, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikunu hekk iridu, jircievu zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------